

Paġna ewlenija>Flus/Talbiet monetarji>Talbiet żgħar

Talbiet żgħar

Italja

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

M'hemmx proċediment speċifiku għat-talbiet iż-żgħar. Il-proċediment quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja (*giudice di pace*).

Bħala regola ġenerali, il-proċedimenti quddiem Kummissarju tal-Ġustizzja jinżammu sempliċi kemm jista' jkun (l-Artikoli 316-318 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja jisma' t-talbiet dwar beni mobbli b'valur li ma jaqbiżx il-EUR 5 000 (f'amest elef ewro) sakemm ma jkunx provdut mod ieħor mill-iġi.

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja għandu ġurisdizzjoni wkoll għall-kawżi għal kumpens minħabba ħsara kkawżata minħabba inċidenti b'vetturi u bastimenti, sakemm il-valur tat-tilwima ma' jaqbiżx l-EUR 20 000 (għoxrin elf ewro).

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja għandu ġurisdizzjoni, ikun xi jkun il-valur, fl-oqsma li ġejjin:

il-kawżi dwar it-twaqqif u l-osservazzjoni tad-distanzi stabbiliti bil-iġi, mir-regolamenti jew l-użu dwar it-tħawwil tas-sigara u ħitan tal-ħaxix;

il-kawżi dwar liema u kif għandhom jintużaw is-servizzi tal-konominju fid-djar;

il-kawżi dwar ir-relazzjonijiet bejn is-sidien jew id-detenturi tal-proprietà immobbli maħsuba għall-abitazzjoni rigward fruġ ta' duħħan jew sħana, irwejjaħ, storbju, ċaqliq u disturb simili li jaqbeż il-livell ta' tolleranza normali;

il-kawżi dwar l-interessi jew aċċessorji ta' pagament ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza li sar tard.

Bil-Liġi Nru 57 tat-28 ta' April 2016, il-Parlament Taljan ta s-setgħa lill-Gvern biex iwettaq riforma fis-sistema ta' ġudikanti onorarji. L-għoti tas-setgħa jipprovdi wkoll li l-ġurisdizzjoni tal-ġudikanti onorarji tiġi estiża b'żieda fil-livell limitu tal-valur tal-każijiet li jisingħu minn EUR 5000 għal EUR 30 000 u għal EUR 50 000 f'każijiet ta' kumpens għal danni jew korriment minħabba inċidenti tat-traffiku. L-għoti tas-setgħa għadu ma ġiex implimentat, allura r-regoli l-ġodda għadhom ma japplikawx.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Il-kawża quddiem Kummissarju tal-Ġustizzja tibda b'ċitazzjoni (*citazione*) biex wieħed jidher quddiem il-qorti għas-seduta stabbilita. It-talba tista' ssir ukoll oralment, fejn il-Kummissarju tal-Ġustizzja jniżżel f'dokument li r-rikorrent innotifika lill-konvenut biċ-ċitazzjoni biex jidher il-qorti fis-seduta ta' smiġh stabbilita (l-Artikoli 316 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). It-talba jrid ikun fiha, minbarra l-indikazzjoni tal-ġudikant u tal-partijiet, deskrizzjoni tal-fatti u indikazzjoni tas-suġġett. Bejn il-ġurnata tan-notifika u dik tad-dehra l-qorti jridu jgħaddu termini iqsar bin-nofs meta mqabbla mal-proċediment quddiem il-qorti ġenerali (*tribunale*), jiġifieri 45 jum (l-Artikoli 318 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fl-ewwel seduta l-Kummissarju tal-Ġustizzja jistaqsi domandi b'mod liberu lill-partijiet u jipprova jwassalhom għar-rikonċiljazzjoni. Jekk din isseħħ ifassal proċess verbali li jiġi rreġistrat. Jekk ir-rikonċiljazzjoni ma tinexxi, il-Kummissarju tal-Ġustizzja jistieden lill-partijiet biex jiddikjaraw b'mod preċiż il-fatti li kull wieħed minnhom ibbaża fuqhom it-talba tiegħu, l-argumenti ta' difiża u l-eċċezzjonijiet, u jipprova d-dokumenti u provi oħra. Meta jkun meħtieġ minħabba l-miżuri meħhuda mill-partijiet fl-ewwel seduta, il-Kummissarju tal-Ġustizzja jista' jiffissa għal darba biss seduta oħra għall-produzzjoni ulterjuri u u talbiet għall-provi. Id-dokumenti prodotti mill-partijiet jistgħu jidhru fil-fajl tal-qorti u jibqgħu ppreservati hemmhekk sakemm tingħata s-sentenza finali.

1.3 Formoli

Ma hemmx formoli.

1.4 Assistenza

Quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja l-partijiet jistgħu jidhru personalment mingħajr avukat f'kawżi b'valur li ma jaqbiżx l-EUR 1 100. (l-Artikolu 82 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u skeda għat-tressiq quddiem il-qorti) Ara l-iskeda informattiva dwar "[Kif tressaq kawża quddiem il-qorti](#)").

Fil-każijiet l-oħra, il-partijiet jridu jiġu assistiti minn avukat. Madankollu il-Kummissarju tal-Ġustizzja jista', minħabba n-natura u l-iskop tal-kawża, jħalli lill-partijiet jidhru mingħajr avukat fuq talba orali tal-parti stess jew mod ieħor.

L-imħallef jivverifika jekk il-partijiet ħadux il-passi kollha meħtieġa biex jidhru l-qorti u, meta jkun meħtieġ, jistedinhom jimlew jew jirregolaw l-atti u d-dokumenti li fil-fehma tiegħu huma difettużi.

Jekk il-Kummissarju jsib nuqqas fil-prokura mogħtija lill-avukat, huwa jagħti lill-partijiet żmien perentorju biex jirregolarizzaw ir-rappreżentazzjoni tagħhom. Jekk in-nuqqas jiġi regolat fil-ħin, ir-rikors jitqies regolarizzat u l-effetti sostanzjali u proċedurali jidhru fis-seħħ mid-data tal-ewwel notifika (l-Artikolu 182 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

1.5 Regoli dwar is-smiġh tal-provi

Ir-regoli applikabbli fil-qasam tal-provi huma l-istess bħal dawk previsti għall-proċedimenti ordinarji l-qorti (ara l-iskeda informattiva dwar "[Smiġh ta' xhieda](#)").

1.6 Proċedura bil-miktub

Mhix prevista proċedura strettament bil-miktub, minħabba li hemm l-obbligu tal-Kummissarju tal-Ġustizzja li jisma' b'mod liberu l-partijiet u jipprova jwassalhom għal rikonċiljazzjoni.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Normalment japplikaw ir-regoli tal-proċedimenti ordinarji.

Bis-saħħa tal-għoti tas-setgħa għar-riforma tas-sistema l-imħallfin onorarji jistgħu jiddeċiedu '*ex aequo et bono*' (għal raġunijiet ta' ġustizzja u ekwiwità) mingħajr referenza speċifika għar-regoli legali, f'każijiet b'valur massimu ta' EUR 2500.

Din l-għażla hija miftuħa għall-Kummissarji tal-Ġustizzja f'każijiet b'valur massimu ta' EUR 1100.

1.8 Rimborż tal-ispejjeż

Ir-rimborż tal-ispejjeż huwa limitat? Jekk iva, kif?

Id-deċiżjonijiet li jagħtu l-ispejjeż jittieħdu skont ir-regoli normali, fejn il-parti telliefa trid tħallas l-ispejjeż. Madankollu, il-partijiet abbi jkollhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom stess jekk it-tnejn jitolfu l-kawża, jew għal xi raġuni valida oħra.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Ir-regoli dwar is-sentenzi bbażati fuq l-ekwità (*sentenze di equità*) f'tilwim b'valur massimu ta' EUR 1 100 ġew emendati fl-2006: dawn is-sentenzi jistgħu jiġu appellati biss jekk ikun hemm ksur tar-regoli proċedurali, tal-liġi kostituzzjonali jew tal-UE, jew tal-prinċipji li jirregolaw is-suġġett.

Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għas-sentenzi kollha mogħtija mit-2 ta' Marzu 2006 'l quddiem (l-Artikolu 27 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 2006/40).

Is-sentenzi tal-ekwità mogħtija qabel id-data msemmija hawn qabel huma soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni (skont it-termini tal-liġi) biss għal ksur tan-normi kostituzzjonali, proċedurali jew tal-UE, għal ksur tal-prinċipji li jirregolaw is-sustanza tal-kawża jew minħabba nuqqas ta' dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata s-sentenza oriġinali. Ma jstax isir appell mis-sentenzi mogħtija mill-Kummissarju tal-Ġustizzja fil-qasam tas-sanzjonijiet amministrattivi, iżda jista' jsir rikors straordinarju quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni.

Mill-bqija, is-sentenzi l-oħra tal-Kummissarju tal-Ġustizzja jistgħu jiġu appellati.

Ara l-iskeda dwar is-[sistemi ġudizzjarji nazzjonali](#), il-[ġurisdizzjoni](#) u [kif tressaq kawża quddiem il-qorti](#).

Annessi relatati

Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

L-aħħar aġġornament: 21/07/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.